# Dawra sal-Belt

**Is-Sibt li għadda inti, Sean u Kira, flimkien maz-zija Lisa, tlajtu sal-Belt. Sean, Kira u inti ħadtu magħkom il-kameras tar-ritratti. L-għaxqa tagħkom tieħdu r-ritratti u mbagħad tintefgħu tqabbluhom.**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | Waqt li kontu l-Belt rajtu avviż fuq il-bieb ta' knisja. Dan kien qed javża lin-nies bil-ħinijiet tal-quddiesa ta' matul il-ġimgħa u tal-Ħadd. | Ikteb l-avviż fuq **KARTA A**. |
| **2.** | Għal xi l-għaxra qabadkom il-ġuħ. Iz-zija ħaditkom tieklu u tixorbu għand *Ta' Ġorġ*. Kif poġġejtu madwar il-mejda ftaħtu l-menus. Dan għandu 5 platti differenti u l-prezzijiet tajbin għall-but ta' kulħadd. | Fuq **KARTA B** ikteb menù b'5 platti differenti u l-prezzijiet tagħhom. |
| **3.** | Wara li mlejtu l-ħawsla bdejtu mixjin fi Triq ir-Repubblika. Fuq il-vetrini tal-ħwienet kien hemm il-kelma "SALE". X'tiġi bil-Malti? Immaġinak is-sid ta' ħanut tal-ħwejjeġ. Ikteb slowgan għal fuq il-vetrina tal-ħanut biex tirriklama li l-prezzijiet roħsu. | Ikteb l-isem tal-ħanut tal-ħwejjeġ u s-slowgan f'**KARTA Ċ**. |
| **4.** | Waqt li kontu l-Belt smajtu għagħa sħiħ. Rajtu ħafna pulizija maġenb ħanut tad-deheb. Malli wasalt id-dar ftaħt il-kompjuter u dħalt fuq il-gazzetta virtwali "dinja.com". Hemmhekk stajt taqra r-rapport tas-serqa li saret il-Belt filgħodu. | Aqra l-aħbar f'**KARTA D**. |
| **5.** | L-għada filgħaxija erġajt dħalt fuq l-istess sit u rajt li issa l-aħbar kienet aġġornata. Il-ħallelin kienu nqabdu! | Immaġinak il-ġurnalist u ikteb l-aħbar tal-qbid f'**KARTA E.** |
| **6.** | Ibgħat ittre lil Sean u lil Kira biex tgħidilhom dwar is-serqa. Fl-istess ħin ehmżilhom ir-ritratti li ġbidt tal-Belt. Ikteb ukoll il-kapxins taħt l-istampi. | Ikteb l-ittre f'**KARTA F (1)**. Waħħal l-istampi u ikteb il-kapxins f'**KARTA F (2)**. |

*KARTA A*

# L-ORARJU TAL-KNISJA

*KARTA B*

| Il-Menù ta' Ġorġ | | |
|---|---|---|
| **1.** | Ħobża Maltija biż-żejt u l-ġbejniet tal-bżar.<br>(ħobża tqarmeċ biż-żejt taż-żebbuġa, bl-inċova, bil-kappar, biż-żebbuġ, bil-basal, bil-fażola u bil-ġbejniet tal-bżar) | 5 ewro |
| **2.** | | |
| **3.** | | |
| **4.** | | |
| **5.** | | |
| **6.** | | |

***KARTA Ċ***

**Isem il-ħanut: ____________________________________________________________**

***KARTA D***

# dinja.com

Aħbarijiet online diretti

*aġġornati 6 minuti ilu*

## Serqa minn ġojjellerija




12:56 Illum, għall-ħabta tal-11.15 ta' filgħodu saret serqa minn ġojjellerija, il-Belt. Il-ħanut jinsab fi Triq il-Vitorja.

Żewġ ħallelin b'wiċċhom mgħammad u kaxkru l-flus kollha li kien hemm. Dak il-ħin fil-ħanut kien hemm tifel ma' ommu, u żewġ tfajliet li kienu qegħdin ma' tal-ħanut. Jidher li l-ħallelin serqu madwar €1, 200. Il-pulizija taħt it-tmexxija tal-Ispettur Anna Portelli qed tinvestiga l-każ.

Min għandu xi informazzjoni huwa mitlub jikkuntattja lill-eqreb għassa tal-pulizija.

***KARTA E***

# dinja.com

Aħbarijiet online

*aġġornati 3 minuti ilu*

## Serqa minn ġojjellerija (aġġornament)



## *KARTA F*

### 1. L-ittre

## Dawra sal-Belt

**12/7/2012 (7.43 pm)**

**Mingħand:**

**Lil: Sean Grech** juventus@poste.mt; **Kira Grech** kiragre@poste.mt

Għeżież Sean u Kira,

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

Saħħa!

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

### 2. L-hemża bir-ritratti tal-Belt

| | |
|---|---|
| 1. | 2. |
| ____________________________ ____________________________ | ____________________________ ____________________________ |

# Iktar taħriġ

## Tista' tqabbad lill-istudenti jew lil gruppi ta' studenti:

**1.** Jiktbu poeżija dwar il-belt jew ir-raħal fejn jgħixu.

**2.** Jagħmlu lista ta' x'tipi ta' ħwienet hemm fil-Belt (eż. tal-ħwejjeġ, taż-żraben, eċċ.).

**3.** Jiktbu deskrizzjoni tal-isbaħ binja li jsibu fil-belt jew fir-raħal tagħhom.

## Għandek oħrajn?